MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## DEPASQUALE FRANCO K.C., B.A., LL.D.

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2002

Citazzjoni Numru. 1812/1996/1

**Formosa & Camilleri Ltd bhala agenti Malta tas-Socjeta` Guardian Royal Exchange Assurance Plc, surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha s-socjeta` M. Demajo (Timbers) Limited; u permezz ta' Nota datata 18 ta' Jannar 1999, is-socjeta` Atlas Insurance Agency Limited assumiet l-atti tal-kawza bhala agenti Malta tas-socjeta` estera Guardian Royal Exchange Assurance Plc minflok is-socjeta` Formosa & Camilleri Ltd.**

**Vs**

**Palm Shipping Agency Ltd bhala agenti tas-socjeta` Aquiline armaturi tal-bastiment Amalija; u The Cargo Handling Co. Ltd.**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni tad-19 ta' Mejju 1996 fejn gie premess:-

Illi s-socjeta` M. Demajo (Timbers) Limited importat minn Spanja wiehed u tmenin (81) bundles ta' medium density fibreboard – wiehed u sittin (61) bundke koperti bil-polza ta' Kariku Nru. 17 (Dok. 1) u ghoxrin (20) bundle koperti bil-polza ta' kariku Nru. 18 (Dok. 2) – li gew trasportati ghall-vjagg lejn Malta bil-bastiment Amalja;

Illi wara li l-bastiment wasal Malta fid-29 ta' Mejju 1995 u l-importatur mar jirtira l-merkanzija importata huwa sab zewg (2) bundles nieqsa mill-konsenja koperta mid-Dok. 2 u bundle wiehed (1) nieqes mill-konsenja koprta mid-Dok. 1 – ghalhekk miz-zewg konsenji flimkien seta' jirtira total tmienja u sebghin (78) bundles, kif jirrizulta mis-Schedule tas-Small Claim Information Form preparat mis-surveyor ta' l-Institute of London Underwriters (Dok. 3);

Illi l-merkanzija importata kellha kopertura assikurattiva mas-socjeta` attrici, l-istess socjeta` attrici, kif obbligata, ghan-nuqqas li garrba l-importatur, hallset is-somma ta' elf disa' mija u hmistax-il lira u ghoxrin centezmu (Lm1915.20) diviza kwantu ghal elf hames mija u disgha u hamsinlira (Lm1559) ghar-rigward taz-zewg bundles, kwantu ghal tliet mija u tmintax-il lira ghoxrin centezmu (Lm318.20) ghar-rigward tal-bundle l-iehor u kwantu ghal tmienja u tletin lira (Lm38) bhala *survey fees* u ghalhekk giet surrogata fid-drittijiet ta' l-impoirtatur (Dok. 4 sa' 6);

Illi s-socjetajiet konvenuti huma responsabbli ghan-nuqqaas fuq riferit, u ghalkemm interpellati biex jassumu responsabilita` ghad-danni, baqghu inadempjenti (Dok. 7 sa' 13);

Talbet ghalhekk is-socjeta` attrici lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara lill-konvenuti jew min minnhom responsabbli ghan-nuqqas fuq riferit;

2. Tikkundanna lill-konvenuti, jew min minnhom, li jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf disa' mija u hmistax-il

lira u ghoxrin centezmu (Lm1915.20) in linea ta' danni subiti mill-importatur u surrogat lis-socjeta` attrici bl-interessi legali mid-data tan-notifika ta' din ic-citazzjoni, fic-cirkostanzi u minhabba l-obbligi hawn fuq premessi;

Bl-ispejjez kontra s-socjetajiet konvenuti;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' Dr. Joseph Zammit McKeon in rapprezentanza tas-socjeta` attrici, il-lista tax-xhieda minnu indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-16 ta' Dicembru 1996 tas-socjeta` The Cargo Handling Co Ltd fejn gie eccepit:

1. Illi preliminarjament it-talbiet attrici fil-konfront tas-socjeta` konvenuta The Cargo Handling Co. Ltd., huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-merkanzija in kwistjoni giet sbarkata minn fuq il-vapur bin-nuqqas kif jirrizulta mill-Joint Tally Sheets Numri 69344, 69345, 69346, 72861, 72864, 72865, 72868, 75703 u 72910;

2. Illi fit-tieni lok is-socjeta` konvenuta The Cargo Handling Co. Ltd., tissoleva li mhix fi kwalunkwe kaz risponsabbli ghal kwalunkwe nuqqas u hsarat allegati mis-socjeta` attrici u dana ai termini tar-Regolament Nru. 86 dwar il-Portijiet ta' l-1966;

3. Illi fit-tielet lok u bla pregudizzju ghal premess ghandu jigi esebit il-mod u/jew ic-cheque li bih sar il-pagament ta' Lm1877.20 lis-socjeta` M. Demajo (Timbers) Limited;

4. Illi dwar l-imghax dan mhux dovut lanqas stante li s-socjeta` esponenti qatt ma giet surrogata fl-interessi mill-assigurat taghha u hallset biss ghaliex sostniet likienet obbligat thallas that polza ta' assigurazzjoni;

5. Illi dwar is-*survey fees* hemm diversi sentenzi li jghidu li tali fees mhux dovuti peress li l-attur ga giex surrogat ghall-istess (AL 6.02.92 Dr. Robert Staines vs Chev S. Mifsud u Godwin Abela – Citaz 112/86 u KF 25.4.95 Dr. R. Staines vs Joseph Apps u G. Abela – citaz. 201/95);

6. Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu rispinti bl-ispejjez kontra l-attur;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' Godwin Abela in rapprezentanza tas-socjeta` The Cargo Handing Co. Ltd, il-lista tax-xhieda minnu indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tad-19 ta' Settembru 1996 tas-socjeta` konvenuta Palm Shipping Agency Ltd fejn gie eccepit:

1. Illi preliminarjament is-socjeta` Palm Shipping Agency Ltd ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju stante li mhix u qatt ma kienet agenti tas-socjeta` Aquiline;

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' Frederick Frendo u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat l-atti kollha tal-process;

Semghet lix-xhieda prodotta;

Ikkunsidrat:

<u>Dwar l-eccezzjoni preliminari:</u>

Illi rigward l-eccezzjoni preliminari tas- socjeta` Palm Shipping Agency Ltd, u cioe` li hija ma kinitx agent tas-socjeta` Aquiline, din giet michuda permezz ta' decizjoni moghtija fis-27 ta' Frar 1998 minn din il-Qorti diversament preseduta;

Dwar il-mertu:

Illi s-socjeta` attrici ghamlet din il-kawza ghall-hlas ta' **Lm1915.20** rapprezentanti l-ammont li kellha tohrog in konnessjoni mal-claim li sar mill- assikurat taghha M Demajo (Timbers) Limited meta l-merkanzija li importa waslet Malta bin-nuqqasijiet;

Illi il-merkanzija in kwistjoni kienet tikkonsisti f'81 bundle ta' *medium density fibreboard*, li kienu gew importati minn Spanja. Dok 1, esebit a fol 6 tal-process jirrigwarda 61 pallet ta' fibreboard, filwaqt li Dok 2, esebit a fol 7 jirrigwarda 20 pallet ta' fibreboard. Fuq iz-zewg poloz ta' karigu li huma datati 19 ta' Mejju 1995 tnizzlet ir-rimarka "*Clean on board*", ghalhekk jidher li l-merkanzija mhux biss tghabbiet fl-intier taghha, izda wkoll minghajr danni;

Illi allegatament, meta l-importatur mar biex jirtira l-merkanzija meta din waslet Malta, huwa irtira biss 78 bundle u mhux 81;

Illi fuq il-Joint Tally Sheets ED1 sa ED10, (fol 26 sa 35 tal-process) kompilati mit-Tally Clerks tal-Cargo Handling u ta' l-agent tal-vapur waqt il-hatt tal-merkanzija bejn it-30 ta' Mejju 1995 u t-2 ta' Gunju 1995, gew indikati b'kollox 73 bundle taht l-isem DEMTIM (cio'e` s-socjeta` importatrici) u 11 bundle bir-rimarka "*No marks*". Peter Bonello mill-Cargo Handling xehed li huma ircevew 73 bundles taht il-marka ta' Demajo u li mill-11 il-bundle "*No marks*" kienu ikkonsenjaw 5 bundles lil Demajo peress li kienu jaqblu ma' l-invoice. Skond il-*Cargo Receipt* datata 15 ta' Gunju 1995, u esebita minn Peter Bonello (fol 98) jirrizulta li hemm 6 bundles "*No Marks*" "*still in shed ... of which 3 bundles loose".* Peter Bonello spjega li s-6 bundles l-ohra li huma "*No Marks*" ghadhom sa llum (id-data tax-xhieda tieghu - 16.01.2001) fit-tinda;

Illi Frederick Frendo, Chairman tas-socjeta` Palm Shipping Agency Ltd esebixxa sensiela ta' Joint Tally Sheets ohra, FF1 sa FF9 (fol 103 sa 111 tal-process), ukoll kompilati bejn it-30 ta' Mejju 1995 u t-2 ta' Gunju

1995. Minnhom jirrizulta li kien hemm 76 bundle u mhux 73 bil-marka Dentim, u xehed li l-ammont ta' bundles li huma kkonsenjaw lill-Cargo Handling kien propju ta' 76. Skond l-istess Joint Tally Sheets 10 bundles u mhux 11, kienu "No marks";

Illi jidher ghalhekk li hemm varji diskrepanzi bejn id-dettalji kontenuti fiz-zewg Joint Tally Sheets (minkejja li tintgharaf il-firma ta' l-istess tally clerks fuqhom) u kif ukoll fix-xhieda ta' Bonello u ta' Frendo dwarhom. Il-Qorti tosserva li hadd mit-tally clerks ma xehed biex jikkonferma d-dokumenti in kwistjoni;

Illi Albert Tedesco, Shipping & Insurance Manager mas-socjeta` M Demajo (Timbers) Limited, fl-affidavit tieghu ikkonferma li l-burdnar taghhom George Vella & Sons fit-8 ta' Gunju 1995 b'kollox irtira 78 pallets u spjega li mit-tlett pallets nieqsa, tnejn kienu koperti taht il-polza ta' karigu numru 18 u wahda mill-polza ta' karigu numru 17. (Skond il-Cargo Receipt tal-Cargo Handilng pero`, it-tlett pallets nieqsa kienu kollha mill-polza ta' karigu nru 18; jidher li anke hawnhekk hawn nuqqas ta' qbil). It-tlett dokumenti tal-Gate Pass Out (fol 73 u 74) jikkonfermaw li gew irtirati 78 bundles;

Illi ghalhekk il-fatti mhux ikkontestati huma dawn: M Demajo (Timbers) Limited importa 81 bundle ta' fibreboard minn Spanja. Dawn kollha tghabbew fuq il-vapur Amalija. Meta l-vapur wasal Malta huwa irtira 78 bundle biss. Jekk il-81 bundle tieghu waslux kollha mhux maghruf, pero jibqa' l-fatt li hemm 6 bundles fix-shed tal-Cargo Handling li mhumiex identifikati (*no marks*) u huwa possibbli li tlieta minnhom huma tieghu ukoll. Fil-*Cargo Receipt* datata 16 ta' Gunju 1995 mibghuta mill-Cargo Handling lil Palm Shipping Agency Ltd, (jigifieri gimgha wara li Demajo irtira t-78 bundle) l-istess Cargo Handling infurmat lil Palm Shipping, fost affarijiet ohra, li kien ghad fadlilha 6 bundles fibreboard fit-tinda taghha. Dawn il-bundles jidher li ghadhom hemm sa llum;

Illi ma jirrizultax li Palm Shipping Agency Ltd hadet xi passi biex tinforma lis-socjeta` importatrici b'dan il-fatt. Li

kieku s-socjeta` M. Demajo (Timbers) Limited kienet giet infurmata b'dan kien ikollha l-opportunita tezamina l-bundles imsemmija u tara jekk l-ispecifikazzjonjiet kinux jaqblu ma' l-ordni. Fin-nuqqas ta' dan ma kellhiex triq ohra hlief li taghmel claim mas-socjeta` attrici sabiex din taghmel tajjeb ghall-valur tat-tlett bundles nieqsa;

Illi ghalhekk il-Qorti thoss li minhabba dan in-nuqqas da parti tal-Palm Shipping, hija l-istess socjeta` li ghandha taghmel tajjeb ghall-ammont li hallset is-socjeta` attrici u dan qed jinghad bla pregudizzju ghal kull pass li tista' tiehu l-istess socjeta` biex tirtira l-bundles f'dan l-ammont;

<u>Danni:</u>

Illi l-ammont mitlub mis-socjeta` attrici huwa ta' Lm1915.20, liema ammont jirrapprezenta Lm1877.20 fir-rigward tan-nuqqasijiet u Lm38 *survey fees*. Albert Tedesco ikkonferma li s-socjeta` attrici idennizzat lis-socjeta` importatrici fl-ammont totali ta' Lm1877. Is-socjeta` Palm Shipping Agency Ltd qatt ma kkontestat dan l-ammont.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi din it-talba billi:-

Wara li tillibera lis-socjeta` The Cargo Handling Co. Ltd mill-osservanza tal-gudizzju;

Tilqa' l-Ewwel Talba u tiddikjara lis-socjeta` Palm Shipping Agency Ltd responsabbli ghan-nuqqas in kwistjoni;

Tilqa' t-Tieni Talba u tikkundanna lis-socjeta` Palm Shipping Agency Ltd thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf, disa' mija u hmistax-il lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm1915.20) in linea ta' danni subiti mill-importatur u surrogati lis-socjeta` attrici. Dwar l-interessi legali, dawn ghandhom jiddekorru mid-data ta' meta din is-sentenza tghaddi in gudikat.

L-ispejjez jithallsu mis-socjeta` konvenuta Palm Shipping Agency Ltd.

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur